QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR.SIMONE GRECH

Seduta tat-3 ta' Settembru 2019

Kump. Numru. 491/2019

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borġ

vs

Ans Ghodban

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Ans Ghodban ta' 23 sena iben Majddin u Hajer Ben Baya, imwieled l-Ungerija nhar is-27 ta' Lulju 1995, residenti f' indirizz mhux magħruf u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 152660A :

*"Akkuzat talli nhar l-l04 t' Awissu 2019, għall-ħabta tas-14.30 ta' wara nofsinhar, ġewwa r-residenza Lorrpoll sitwata fi Triq il-Mejjilla, Ħal-Qormi:*

1) *Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2) *U aktar talli f' Malta, xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan isir f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;*
3) *U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;*
4) *U aktar talli nhar l-04 t' Awissu 2019 għall-ħabta tas-16.45 ta' wara nofsinar, ġewwa l-Imsida, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;*

*Barra minn dan l-imputat Ans Ghodban huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija defenittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi waqt is-seduta tas-7 t' Awissu 2019, l-imputat rreġistra ammissjoni, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba u jerġa' lura minnha.

Rat il-verbal magħmul mill-Uffiċjal Prosekutur fis-7 t' Awissu 2019 fejn ġie dikjarat li l-imputat għandu jibbenefika minn Art. 29 tal-Kap.101.

Semgħet it-trattazzjoni dwar piena.

**Ikkunsidrat:**

In vista ta' tali ammissjoni, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati tal-akkużi mressqa kontra tiegħu.

Illi meta tiġi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni min-naħa l-waħda l-ammissjoni bikrija tal-imputat u min-naħa l-oħra l-fedina penali tiegħu. Il-Qorti qed tqis ukoll illi waqt it-trattazzjoni tagħhom dwar il-piena, kemm id-difiża kif ukoll il-prosekuzzjoni ssottomettew illi l-imputat għandu bżonn l-għajnuna sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju tad-droga – vizzju li l-imputat ilu għaddej bih għal żmien konsiderevoli.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 334 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu u b' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għal żmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda wkoll tqiegħed lill- ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali għal perijodu ta' tlett snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-għan li l-istess Ghodban jingħata għajnuna professjonali sabiex jindirizza l-problema tad-droga bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Trattament hawn anness, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu

sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti wissiet ukoll lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi waħda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Maġistrat Simone Grech